

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-5 ta' Diċembru 2017 – Ir-Repubblika Federali tal-
Ġermanja vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-600/14) ⁽¹⁾

(Rikors għal annullament — Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 216(1) TFUE — Artikolu 218(9) TFUE — Stabbiliment tal-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni f'korp stabbilit minn ftehim internazzjonali — Kumitat ta' Reviżjoni tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) — Emenda tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) u tal-appendiċijiet tagħha — Kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha — Kompetenza esterna tal-Unjoni f'qasam li fih l-Unjoni, sa dak iż-żmien, ma tkunx adottat regoli komuni — Validità tad-Deċiżjoni 2014/699/UE — Obbligu ta' motivazzjoni — Prinċipju ta' kooperazzjoni leali)

(2018/C 052/02)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze u J. Möller, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: inizjalment minn D. Colas, G. de Bergues u M. Hours, aġenti, sussegwentement minn D. Colas u M.-L. Kitamura, aġenti), Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: C. Brodie, M. Holt u D. Robertson, aġenti, assistiti minn J. Holmes, QC)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Finnegan, Z. Kupčová u J.-P. Hix, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher, W. Mölls u J. Hottiaux, aġenti)

Dispożittiv

1. Ir-rikors huwa miċħud.
2. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata għall-ispejjeż.
3. Ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 73, 2.3.2015.